ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 10 ta' Ottubru, 2025

Talba Nru: CCT29/25/DS

Gilmore Bianco

Vs

ETV Central Hub / R & K Ltd. (C89792)

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil- 11 ta' Frar, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' tlett mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€358.50) u cioe tlett mija u disgħa u erbgħin Ewro (€349) bħala riżarċiment għall-vacuum cleaner illi jsostnu illi kienet difettuża u disgħa Ewro u ħamsin ċenteżmu €9.50) ħlasijiet għall-preżentata tal-kawża;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi l-fatti in sucċint huma s-segwenti: L-attur xtara vacuum cleaner f'Ġunju, 2024 liema vacuum cleaner ma bdietx taħdem tajjeb f'Novembru tal-istess sena u ttieħdet għat-tiswija. Dan ġara numru ta' drabi u mar-raba' okkażjoni l-attur talab illi jiġi

riżarċit. Is-soċjeta' intimata ma kellhiex vacuum cleaners tal-istess għamla jew preżż iżda biss oħrajn li kienu mal-mitejn Ewro (€200) aktar u wara li ġiet ikkuntattjata mill-MCCAA l-istess soċjeta proponiet lill-attur illi ttieħ credit note ekwivalenti għall-ammont. Stante illi l-attur ma xtaq jixtri xejn aktar huwa jixtieq illi fil-fatt jingħata flusu lura.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi l-istess soċjeta' intimata rrikonoxxiet id-difett tal-prodott għaliex offriet credit note u għaldaqstant il-kontenzjoni hija biss waħda dwar l-ammont dovut għandux jingħata bi credit note jew inkella fi flus lura. Dan it-Tribunal ma jħossx illi s-soċjeta' intimata għandha d-dritt tobbliga lill-konsumatur jixtri prodotti ulterjuri mingħandha u għaldaqstant m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi biex tordna illi l-ħlas lura jsir permezz ta' credit note.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tlett mija u disgħa u erbgħin Ewro (€349) lill-attur filwaqt illi tordna illi, jekk mhux diġa sar hekk, l-attur għandu jirritorna l-*vacuum cleaner* lis-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata inkluż id-disgħa Ewro u ħamsin ċenteżmu (€9.50) illi kienu mniżżla fit-talba tal-attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru